# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 59 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 21 ta' Lulju 2014 fis-6.00 p.m.***

**Presenti :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |
| **Ambaxxatriċi Żgħażugħa** | Rebecca Chircop (skużata – indisposta) |

## 59/01 Talba

59/01/01 Il-laqgħa bdiet fis-6.14 ta' filghaxija billi ntqalet it-talba. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) infurmat lill-Kunsill li l-Ambaxxatriċi Zgħazugħa bagħtet email fejn talbet sabiex tiġi skużata peress li kienet indisposta. Il-Kunsill unanimament approva li tiġi skużata. Is-Sindku beda billi qara l-minuti peress li l-minuti ġew imqassma dakinhar tal-laqgħa. Is-SE infurmat li hija kienet lestit il-minuti nhar il-Ġimgha 18 ta' Lulju 2014 meta daħħlet mill-leave attaposta ħalli tlestihom u għaddiethom il-Ġimgha stess lis-Sindku, avolja kienet taf li s-Sindku kien imsiefer u kien ser jiġi lura Malta sbieħ it-Tnejn, 21 t' Lulju 2014. Il-Kunsill innota li kemm il-darba talab lis-SE sabiex il-minuti u dokumenti oħra jitqassmu mal-Aġenda imma dan qatt ma sar.

## 59/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 58.

59/02/01 Emenda fuq minuta 58/03/16 biex titneħħa l-kelma '*Doreen*' u ssir '*dancers'*. Din l-emenda ġiet approvata mill-Kunsillieri unanimament.

59/02/03 Emenda fuq il-minuta 58/03/39 biex titneħħa l-kelma 'biex' u ssir 'bieb'. Din l-emenda ġiet approvata mill-Kunsillieri unanimament.

59/02/04 Emenda biex tiżdied minuta 58/07/02 kif ġej: 'Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill li s-Sotto Kmutat taż-żgħażagħ se jagħmlu *party* fis-*Searchlight battery* is-Sibt 16 t'Awissu 2014.' Din l-emenda ġiet approvata mill-Kunsillieri unanimament.

59/02/05 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u ffirmati l-Minuti tal-Laqgħa Numru 58 kif emendati u s-Sindku u s-SE iffirmaw il-Minuti tal-Laqgħa 58/06.

## 59/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Numru 58

59/03/01 **Para 58/03/01**:- ***Tender* għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter***: Is-SE infurmat lill-Kunsill li huma għadhom ma rċevewx r-*refund* tal-*lift.* Hija intalbet isegwi. Il-Perit tal-Kunsill bgħat iċ-ċertifikazzjoni tax-xogħol u l-kont. Is-SE infurmat li hija bgħatet il-*Performance guarantee* lura lill-bank konċernat. Il-Kunsillier Alfred Muscat tkellem mas-Sur Robert Meli fejn se jibgħat l-istima tax-xogħol biex isir *cover* sabiex jiġi mgħotti dan il-*lifter* meta ma jkunx qed jintuża.

59/03/02 **Para 58/03/02**:- **It-Torri tas-Semoforu**: Is-SE infurmat lill-Kunsill li hija se tagħmel kuntatt mas-Sur Stigter dwar il-formola tal-ARMs tal-*metres* tad-dawl u tal-ilma ħalli tagħlaq dan il-każ. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni tas-SE li din il-formola ilha pendenti x-xhur meta suppost saret meta ġie iffirmat il-ftehim tal-kera u dan id-dewmien jista' jwassal għall telf finanzjarju għall-Kunsill. Is-SE intalbet tiffinalizza mingħajr aktar dewmien.

59/03/03 **Para 58/03/03:- Ġnien tal-Ponta**: Ix-xogħol fuq Ġnien il-Ponta tlesta u twaħħlu wkoll il-bankijiet, *bins* u *picnic tables*. Is-SE infurmat lill-Kunsill li meta l-Perit Cortis mar sabiex jiċċertifika x-xogħol huwa sab li n-numru tal-bankijiet u tal-*picnic tables* inbiddlu minn kif kienet inħarget il-*Purchase Order* tal-Kunsill. Is-SE kitbet lill-Kuntrattur biex jirrimedja peress li l-Kunsill ma kienx lest li jhallas xi flus żejda fuq dan il-proġett. Il-Perit innota wkoll xi *stakes* tas-siġar neqsin meta ċċekkja l-kont tal-ELC li ħawwlu s-siġar, żiedu l-ħamrija u sar xogħol tal-landscaping. Sar xogħol ta’ tindif u qtugħ tal-pavimentar madwar is-siġar. Dan ix-xogħol ġie iccertifikat mill-Perit halli s-SE tkun tista’ tibghat l-aħħar kontijiet lill-*Paying Agency* għal hlas dovut. Saret diskussjoni jekk jistgħux isiru Barbeques (BBQs) fil-ġnien jew fit-triq. Is-SE intalbet tikteb lid-DLG għall-parir jekk tistax toħrog *Bye Law* f’dan ir-rigward u jekk jiġi ikkonfermat li tista' ssir *Bye-Law* jiġu ordnati 2 tabelli li juru li ma jistgħux isiru BBQs. Is-SE intalbet tordna tabella urġenti peress li tlesta il-Ġnien sabiex il-kont jkun jista’ jintbgħat lill-*Paying Agency* qabel ma tagħlaq l-estenzjoni fuq il-Proġett (31 ta’ Lulju 2014). Is-SE għadha qed tistenna l-*Compliance certificate* mill-Perit Grech sabiex jintbgħat lill-MEPA. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni mill-ELC sabiex dan il-ġnien jiddaħħal fil-programm tax-xogħol għat-tisqija u s-SE għandha toħroġ il-PO lill-ELC. Il-Kunsill unanimament approva li l-*bowser* tal-ilma li kien qed isaqqi kemm dawn is-siġar, kif ukoll dawk tas-*Searchlight Battery* darba fil-ġimgħa jitwaqqaf għalissa.

59/03/04 **Para 58/03/04**:- **Triq San Gwann**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm TM aċċettaw li jirranġaw l-*bollards* ta’ Triq San Gwann dawn għadhom ma sarux u lanqas l-*cats eyes ma twahhlu*. Is-SE intalbet issegwi.

59/03/05 **Para 58/03/05 :- Laqgħa mas-*CEO* tal-*Green MT* eċċ**– Is-SE infurmat li bgħatet kemm il-*reminders u SMS* lis-*CEO* tal-*Green MT* dwar il-pagament pendenti ta’ €2,310 u l-konsenja ta’ boroz griżi u l-ħlas għall-avviż fil-fuljett. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li lanqas l-*Eco Counsellors* ma ntbgħatu biex ikellmu lir-residenti. Is-SE intalbet tkompli ssegwi.

59/03/06 **Para 58/03/06:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Avukat tal-Kunsill Dr John Gauci kiteb ittra lis-Sur Braydon Azzopardi wara li l-Kunsill ircieva d-decizzjoni mill-Public Contract Review Board (PCRB) dwar l-Appell għat-*Tender - The Collection of Mixed Household Waste* mis-Sur Braydon Azzopardi. Is-Sindku talab lis-SE sabiex titlob direzzjoni mid-Dipartment għal-Gvern Lokali (DGL) jekk il-Kunsill jistax jipproċedi u jibda jaħdem bil-kuntrattur il-ġdid u jekk tistax tinħareġ il-*Letter of Acceptance*.

59/03/07 **Para 58/03/07:-** Dwar il-manutenzjoni u ż-żamma tal-latrina pubblika u l-ftuħ u l-għeluq ta’ Ġnien il-Paċi s-SE infurmat li l-Kunsill li nħarget il-*Letter of Acceptance* lis-Sur Braydon Azzopardi u dakinhar huwa ġab il-*Performance Guarantee*. Is-SE ippreparat il-kuntratt sabiex jiġi ffirmat mis-SE u mis-Sindku. Is-SE kienet infurmat lill-kuntrattur preżenti li l-kuntratt tiegħu ser jiskadi fil-31 ta’ Lulju 2014 u biex jrodd lura ċ-ċwievet

lill-Kunsill.

59/03/08 **Para 58/03/08:-** Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Periti li kienu għamlu offerta għas-sejħa intbgħatitilhom l-garanzija tal-bank rispettivament u ħlas li kien sar biex inxtara d-dokument tat-*tender*. Is-SE talbet lill-Kunsill sabiex jinfurmawha x'jixtiequ jniżżlu fid-dokument tat-*Tender* ġdid bħalha *specifications* peress li hija ħarġet l-istess *tender* li kienu ħarġu qabel. Il-Kunsill talab lis-SE sabiex jekk ikun hemm bżonn tirreferi ma SE oħra u titlobhom l-għajnuna ta' kif joħorgu sejħa għas-servizz ta' Perit u tipprepara *draft* ħalli tiġi approvata mill-Kunsill.

59/03/09 **Para 58/03/09:-** Is-SE infurmat li qiegħda tistenna lill-Perit Falzon sabiex jiċċekkja d-dokument tas-sejħa għax-xiri u twittija tal-konkos fi Sqaq il-Maħruq li kienet lestiet sabiex il-Kunsill jkun jista' jibbenifika minn fondi tal-Majjistral *Group*. Hija imbagħad tkun tista' toħroġ is-sejħa fuq il-Gazetta tal-Gvern. Ġibdet l-attenzjoni tas-Sindku peress li kien għadu ma ffirmax l-kuntratt mal-MAG. Hija infurmat li dan il-proġett jagħlaq fl-aħħar ta' Settembru 2014 pero' tista' tintalab estenzjoni. Is-SE intalbet sabiex tikkonkludi l-ħruġ tas-sejħa għall-offerti għaliex għaddew tlett ġimgħat oħra u prattikament ma sar xejn mill-Perit filwaqt li Kunsilli oħra diġa ħarġu din is-sejħa'

59/03/10 **Para 58/03/10 *Euro Clean:*** : Is-SE infurmat li qiegħda taħdem fuq il-kontijiet tal-*Euro Clean* dwar id-*diesel* imma kellha taħdem ukoll fuq il-*claims* tal-*Paying Agency* u xogħol ieħor u dawn ħadu ħafna mill-ħin. Hija żiedet tgħid li kienet bil-*leave* il-ġimgħa ta' qabel u li se taħdem fuq il-pendenti dik il-ġimgħa stess. Il-Kunsill ħeġġeġ lis-SE sabiex tikkonkludi dan l-eżerċizzju li issa ilhu pendenti aktar minn xahrejn.

59/03/11 **Para 58/03/11 Ilment 18114083204463** – Is-SE infurmat li l-Koptasin kellu jwaħħal t-*traffic humps* u t-tabelli meħtieġa dik il-ġimgħa.

59/03/12 **Para 58/03/14 Plakek ħdejn postijiet storiċi:-** Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li huwa u l-Kunsillier Christopher Fenech ser jmorru għand id-*designer* ħalli jordnaw il-*perspex* għat-tabella li se titpoġġa ħdejn il-Knisja Parokkjali.

59/03/13 **Para 58/03/15 Kunċert Mużikali:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuncert Mużikali kien ta' suċċess u li l-Unur Excelsior ingħataw lit 3 nominati. Il-Kunsillieri u ex-Kunsillieri ingħataw tifkira u ċertifikat tas-Serata flimkien mal-Kapillan, kantanta u mużiċista. Il-Kunsillier Fenech staqsa lis-SE il-għaliex hija ma kienetx preżenti għal dan il-Kunċert u għal diversi attivitajiet li kellu l-Kunsill u jekk għandhiex xi problema mal-Gvern preżenti peress li ma attendietx għall-attivita' fejn kien mistieden l-Ministru l-Onor Evarist Bartolo u meta għamel żjara s-Segretarju Parlamentari l-Onor Stefan Buontempo. Is-SE infurmat lil-Kunsillier li hija m'għandha l-ebda problema u taħdem ma kulħadd u nfurmatu sabiex ma jdaħħalx politika fil-konfront tagħha meta hija s-SE. Hija saħħqet li meta sar il-Kunċert kienet ma tiflaħx u kellha sola qawwija u ma riditx ittellef la l-kantanta u lanqas il-mużiċista waqt il-kuncert, hija kienet bgħatet lis-Sindku sabiex tiġi skużata. Dwar l-attivita' fejn kien mistieden l-Onor Bartolo hija kellha impenn ieħor u kienet infurmat lill-Kunsillier Muscat u fil-fatt bgħatet lill-Uffiċċjal Eżekuttiv minflokha. Dwar il-laqgħa tal-Onor Buontempo hija kienet kitbet personalment lis-segretarja tal-Onor Buontempo li dakinhar kienet ma tiflaħx sew u ġiet skużata. Hija staqsiet lill-Kunsillier Fenech jekk kollox kien mar sew waqt dawn l-imsemmija attivitajiet u l-Kunsillier Fenech wieġeb li kienu marru tajjeb ħafna. Dak

ifisser li s-SE kienet organiżżat sew l-attivitajiet imsemmija biex ħareġ dan ir-riżultat favorevoli.

59/03/14 **Para 58/03/16 Jum ir-Raħal 2014:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li f'Jum ir-Raħal marru sew u kien organiżżat tajjeb ħafna. Kien hemm attendenza sew mir-residenti. Il-Kunsillier Muscat skuża ruħu talli ma setgħax jattendi l-quddiesa u l-Kunsillier Vincent Galea talab skuża peress li m'attendiex għax kellu impenn ieħor. Il-Vici Sindku s-Sur Mark Azzopardi ħa ħsieb li kollox imur sew waqt is-serata. Huwa nforma lis-SE li l-kantanta Federica Falzon ma setgħetx tattendi peress li kellha impenn barra minn Malta. Il-bqija tal-parteċipanti kienu preżenti u taw preżentazzjoni mill-aqwa. Is-Sur Azzopardi għaddielhom il-ħlas kif kien approvat mill-Kunsill fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill li l-BBQ li kienet se issir tħassret minhabba l-maltemp u din se tiġi organiżżata fit-2 t'Awissu 2014. Il-Kunsill talab lis-SE sabiex f'laqgħa oħra tippreżenta rendikot li jinkludi l-ispejjes tal-attivitajiet kollha lill-Kunsilliera.

59/03/15 **Para 58/03/17 *Business Plan* 2014 -2017:-** Is-SE infurmat lill-Kunsill li peress li kienet ħarget bis-*sick leave* u kellha tieħu il-*vacation leave* kif kien ippjanat, hija ma setgħetx taħdem fuq il-*Business Plan* u r-Rapport Amministrattiv. Is-SE fakkret lill Kunsill li hija kemm il-darba tat parir biex l-*Accountant* tal-Kunsill jintalab jagħmel iżjed xogħol bħal *inputting* u *checking* tal-*invoices* u xogħol ieħor ta' *accounts* peress li l-Kunsill m'għandhux persuna kkwalifikata li tagħmel dan ix-xogħol. Hija saħħqet li dan mhuwiex xogħol ta' *inputting* biss, għax jekk jiddaħħlu ħażin fis-*Sage*, ikun hemm riperkussjonijiet ikbar. Hawnhekk is-Sindku wieġeb li kull ma jridu jagħmlu huwa inputting biss u m'għadhomx għalfejn jinkwetaw għax imbagħad jiċċekkja kollox l-*Accountant*. Is-SE qalet li l-*Accountant backup* biss jagħmel. Hija talbet lill-Kunsill sabiex l-*accountant* jerġa jintalab biex jagħti stima ta' xogħol jekk l-assistenta tiegħu tkun tista' toqgħod ma ħaddiema tal-Kunsill waqt l-*inputting* tal-*invoices*, *checking* u xogħol iehor ta' *accounts* peress li t-*Tender* jista' jiġi varjat b'10% mill-istima oriġinali. Is-SE ġibdet ukoll l-attenzjoni li jistgħu jitolbu lid-DGL għal 20% varjazzjoni fuq dan it-*Tender*.

59/03/16 **Para 58/03/18** :- Is-SE intalbet tibgħat *reminder* peress li l-bozza ġdida m'arblu fi Triq Dun Karm Fenech kantuniera ma Triq Indipendenza għadha ma saritx u l-bozza ta' Triq Żellieqa għadha mhix imqabbda mad-dawl mill-Enemalta.

59/03/17 **Para 58/03/19 Poloz tas-Sigurta':-** Is-SE infurmat il-Kunsill li għadha se taħdem fuq dawn il-Poloz kif indika l-awditur. Il-Kunsill ħeġġeġ lis-SE tikkonkludi dan ix-xogħol li ilu pendenti minn Ġunju 2014.

59/03/18 **Para 58/03/20 Żebgħa tat-Triq**:- Is-SE infurmat lill-Kunsill li wara li tkellmet mal-kuntrattur li jiffornixxi ż-żebgħat tat-triq dan biddel il-kontenituri li kellu l-Kunsill. Ħaddiem tal-Kunsill beda xogħol ta' *refreshing* fit-toroq ewlenin. Hija infurmat li Koptasin kellu jwaħħal it-tabelli u *humps* dik il-ġimgħa stess.

59/03/19 **Para 58/03/21 Tabelli taż-*zebra crossing*** :- Is-SE kitbet lit-TM fejn talbet sabiex jagħmlu tabelli li jaħdmu bis-solar għaż-*zebra crossing* tal-Pjazza. Hija se tkompli isegwi din il-materja.

59/03/20 **Para 58/03/22 Triq Fra D Mifsud** Is-SE infurmat li hija kellmet lill-kuntrattur li tefgħu l-offerta' għall-kisi bit-tarmak ta' Triq Fra D. Mifsud u dan aċċetta li jsir it-*tarmac* tat-

Triq wara li jinbidel il-*main* ta' l-ilma. Hija għandha tibgħat il-*Letter of Acceptance* fejn tkun iffirmata mis-Sindku, mis-SE u mill-kuntrattur wara li jkun ġie avżat l-offerent l-ieħor bid-deċizjoni tal-Kunsill u ritornata l-bid bond tiegħu.

59/03/21 **Para 58/03/23 :-** Is-SE intalbet tikteb lil Bord tas-*Street Naming Committee* sabiex tara meta se jiġu ppubblikati l-ismijiet taż-Żoni fuq il-gażżetta tal-Gvern.

59/03/22 **Para 58/03/24 Approvazzjoni tal-Aġġustamenti tal-Awditur**: Is-SE intalbet itellgħa l-Estimi Finanzjari 2014 fuq il-*website*. Hija ghandha tieħu ħsieb tibgħat il-minuti tal-laqgħat li saru fil-2013 għall-*binding*.

59/03/23 **Para 58/03/26 Librerija**: Is-SE infurmat lill-Kunsill li se tordna 3 bnadar ġodda għall-librerija filwaqt li kellmet lis Sur Salvu Fenech sabiex jaħdem l-arbli għalihom. Il-Kunsillier Galea tkellem mal *Head* tal-Iskola fejn infurmatu li hija se tieħu ħsieb tordna 2 *covers* tan-*neon tubes.*

59/03/24 **Para 58/03/27** Is-SE infurmat lill-Kunsill li hija kellmet lis-sid fejn irid jitwaħħal il-fanal imma s-sid fadallu xi xogħol xi jsir u għandha tinforma lis-SE meta jkun jista' jitwaħħal il-fanal mill-kuntrattur.

59/03/25 **Para 58/03/30** Ilmenti Nru 18114037211549 u 18114031211545 – Is-SE tkelmet ma wieħed mir-resident li għamel l-ilmenti tal-*istore* fejn infurmatu li dan il-każ irid jirreferih lill-Pulizija u lill-MEPA. Dwar l-ilment ta' spazju ta' parking, s-SE għad trid tinvestiga jekk jistgħux isiru aktar marki tat-traffiku fejn il-garaxxijiet u jekk diġa' hemm jekk dawn humiex skont il-liġi.

59/03/26 **Para 58/03/31:-** Rigward Triq Dun Karm Vella, is-Sindku qara l-korrispondenza li ġiet ipprezentata mis-SE. Is-SE intalbet tikteb lil TM sabiex Triq Dun Karm Vella issir *one way* kif kienu irrakkomandaw TM stess.

59/03/27 **Para 58/03/32** Petizzjoni għat-twaħħil ta' ATM. Is-SE infurmat lill-Kunsill li diġa' bdew jiġu residenti biex jiffirmaw il-petizzjoni l-Kunsill u hemm minn qiegħed jiffirma minn fuq il-*website*.

59/03/28 **Para 58/03/33** *Culvert* fi Triq San Gwann: Is-SE intalbet tikteb lill-Ministru konċernat dwar dan il-culvert.

59/03/29 **Para 58/03/34 :-** Is-SE infurmat li rappreżentanti mid-DGL ġew sabiex jieħdu d-dettalji tat-3 kompjuters tal-Kunsilli u huma intalbu jinkludu l-*lap top* tal-Kunsill li m'għandhux *Microsoft Office software* barra li s-SE kitbet lill-*IT officer* tad-DGL rigward dan is-*software* għall-*lap top*.

59/03/30 **Para 58/03/35** *Memo 17/2014*:- *Streaming tal-Laqgħat Online* u skema ta' għajnuna finanzjarja għas- servizz tal-*internet*. Is-SE għandha tikteb lid-DGL peress li qed jingħad li l-Kunsill mhuwiex eleġibbli biex japplika għal rifuzjonijiet tal-ispejjez relatati mas-servizz tal-*internet*.

59/03/31 **Para 58/03/37** Il-Kunsillier Vincent Galea informa lill-Kunsill li hu għadu qed jikseb informazzjoni dwar minfejn jista' jinxtara r-*rubber* sabiex jitwaħħal maż-żewġ arbli tal-

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

elettriku li hemm fil-Ġnien il-Paċi. Rigward is-*safety carpet* ta' Ġnien il-Paċi, s-SE infurmat li kitbet lill-kuntrattur fejn infurmatu li huma ma jistgħux jitolbu ħlas skont il-kuntratt u l-garanzija tax-xogħol. Hija għadha ma rċievitx risposta.

59/03/32 **Para 58/03/38** Is-SE infurmat li huma rċevew mill-*Scan Computers* dwar *l-External Hard Disk* u talbu li tintbgħat din il-*Hard Disk* l-workshop tagħhom. Is-SE se tieħu ħsieb din il-materja. Is-SE intalbet tieħu ħsieb tirranġa din il-*Hard Disk* għaliex issa ilha 6 ġimgħat bil-ħsara u mhux qed isir *backup* kif suppost.

59/03/33 **Para 58/03/39** Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-bieb tal-ħadid għas-*Searchlight Battery* twaħħal u bgħatet ħaddiem sabiex jiżbogħ il-bieb.

59/03/34 **Para 58/05/01 Ilment Nru 18114021212144:-** Talba sabiex jiġi ipprojbit l-ipparjkar tal-vetturi quddiem dar fi Triq il-Kbira. Dan l-ilment ġie investigat u nstab li quddiem din ir-residenza diġa' hemm sinjali li juru li ma jistax isir ipparkjar ta' vetturi.

59/03/35 **Para 58/05/03 Ilment Nru 18114038212404:-** Talba mingħand resident sabiex tinbena bankina quddiem id-dar fi Triq Mons L. Catania għaliex qed jipparkjaw il-vetturi u ma jkunx jista' jidħol fid-dar tiegħu kif ukoll kissrulu l-għatba tad-dar u kemm il-darba intlaqtet l-faċċata tad-dar. Is-SE se toħroġ *works order* lid-Dipt. Tad-Distretti sabiex issir din il-bankina.

59/03/36 **Para 58/05/04 Ilment Nru 18114052212405:-** Talba mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Ġdida sabiex il-Kunsill jgħolli l-livell tat-triq quddiem id-dar tiegħu kif ukoll jitbaxxa *inspection chamber* għaliex kull meta tagħmel ix-xita kif ukoll meta l-ġirien jaħslu barra l-ilma kollhu qed jinġabar quddiem id-dar tiegħu. Is-SE għandha tieħu ħsieb li jinxtraw il-qasab sabiex ikun jista' jitnaddaf il-*culvert* li hemm fit-Triq u titnaqqas il-problema eżistenti. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill.

59/03/37 **Para 58/05/05** Is-SE infurmat li l- mera fi Triq Indipendenza faċċata ta' Triq Dun Karm Fenech ġiet ordnata.

59/03/38 **Para 58/05/07** Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Kuntrattur infurmaw dwar id-dawl ta' Ġnien il-Paċi u ta' Żagħruna li mhux qed jixgħel u jintefa kif suppost. Is-SE se terġa tkellem lill-Kuntrattur.

59/03/39 **Para 58/06/10** Korrispondenza mid-DGL rigward il-*Performance Appraisal Report* u *Bonus* tal-ex Aġent Segretarju tal-Kunsill. Is-SE ghandha tibgħat estratt tal-minuti dwar dan lid-DGL.

**59/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

59/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-Petty Cash.

**59/05 Ilmenti u Suggerimenti**

59/05/01 **Ilment nru 18114004212659 -** Ilment li fil-pjazza ta' kuljum bejn il 5pm u l-10pm qed ikun hemm *parking* bl-addoċċ u *triple parking*. Hemm bżonn li jkun hemm il-wardens f' dawn il-ħinijiet; nies qed jaqilgħu iċ-ċitazzjonijiet waqt li jkunu għall-quddies il-Ħadd filgħodu. Triq San Nikola hemm l-istess problema il-Ħadd filgħodu. Ġie unanimament deċiż li l-Gwardjani jintalbu jagħmlu aktar sorveljenza. Dwar l-ilment tal-pjazza l-Kunsill ser jiġbed l-attenzjoni tal-Gwardjani għall-problema ta' ipparkjar ħażin. Ir-resident għandha tiġi mgħarrfa ukoll li jista' jsir ukoll rapport lill-Pulizija.

59/05/02 **Ilment nru 18114015212662** - Ilment li quddiem l-ewwel bank fil pjazza (fejn il-*phone box*) hemm is-siġra li qiegħda tgħatti kollox. Il-Kunsill unanimament ikkkunsidra dan l-ilment bħala wiehed mhux ġustifikat. Hemm diversi bankijiet oħra fil-Pjazza li jistgħu jintużaw.

59/05/03 **Ilment nru 18114037212664 -** Ilment li fi Triq San Nikola il-karozzi qegħdin jgħaddu kollha avolja mit-triq suppost jgħaddu r-residenti biss. Il-Kunsill innota li ma jistax jieħu iżjed azzjoni milli diġa' għamel peress li f'parti ta'din it-Triq hemm tabelli li jindikaw li residenti biss jistgħu jgħaddu.

59/05/04 **Ilment nru 18114040212666** - Talba biex fin-naħa tax-Xwieki jitpoġġew aktar *bins*. Ġie innotat li l-*bins* li hemm ftit li xejn qed jintużaw. Il-Kunsill unanimament qabel li jitwaħħal *bin* fuq iċ-*centre strip* fit-triq tal-Balal viċin il-*bus stop*. Il-Kunsill innota li diġa' saret talba lil TM sabiex jeħel dan il-bin filwaqt li s-SE intalbet tikteb ukoll lis-sidien tal-istabiliment fil-viċinanzi u titolbu sabiex jisponsorja x-xiri ta' bins għall-inħawi.

59/05/05 **Ilment nru 18114085213281** - Talba sabiex il-linja bajda ta' nofs it-triq ta' Triq San Gwann ħdejn il-*bring-in-site* jiġi linja bajda maqsuma mhux sħiħ. Dan ix-xogħol sar mit-TM u l-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta unanimament.

59/05/06 Ilment li fil-viċinanzi ta' *Wine Bar* qed ikun hemm l-istorbju kif ukoll fl-istess triq qed ikun hemm l-istorbju ħiereg minn dar privata. Ġie unanimament deċiż li min għamel l-ilment għandu jiġi infurmat li kif immedjatament ikun hemm l-istorbju jirrapporta lill-Pulizija ħalli tkun tista' tittieħed azzjoni immedjata. Il-Kunsill ma qabilx li jitwaħħlu xi tabelli sabiex jinżamm il-kwiet għaliex prattikament dawn it-tabelli jistgħu jitwaħħlu kull fejn hemm ħanut jew fil-pjazza eċċ.

59/05/07 Ilment li fi Triq Ferdinand kantuniera mal-Pjazza tad-Dejma qed isir xogħol ta' *trenching* u spiss tingħalaq it-triq. Is-SE intalbet tinvestiga u tikkonferma jekk hemmx permessi sabiex isir dan ix-xogħol.

59/05/08 Ilment li sit fi Triq Katerina Sammut ingħalqet permezz ta' katina u issa ma hemmx aċċess għall-pubbliku. Ġie innotat li dwar dan l-istess sit diġa saret talba lid-Dipt tal-Artijiet sabiex jikkonferma jekk dan is-sit hux pubbliku jew le. Is-SE intalbet issegwi u tibgħat ukoll ir-ritratti.

59/05/09 Talba sabiex Sqaq il-Hofra jigi resurfaced. Il-Kunsill unanimament qabel li din it-talba tintbaghat lil TM peress li dan ix-xogħol hu fir-responsabbilta' ta TM.

59/05/10 Il-Kunsillier Fenech talab sabiex rampa li hemm ħdejn it-*Top of the World* tiġi rranġata u

jsir *fence* ħalli tkun ta' sigurta' għall-pubbliku. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta u s-SE ghandha tkellem lis-Sur Gorg Zarb halli jibghat stima għal fence.

59/05/11 Il-Viċi Sindku s-Sur Azzopardi informa lis-SE li t-tabella *For Sale* fuq il-Pont għadha hemm. Is-SE bgħattet lill-haddiema kemm-il darba fuq il-post u ma setgħux isibuha. Hija għandha terġa tibgħathom.

59/05/12 Il-Kunsillier Alfred Muscat ressaq ilment fejn hemm ħarruba u siġar oħra fi Triq tal-Balal kif toħroġ mir-Għargħur li għandhom bżonn jinżabru. Dawn jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tat-TM. Ix-xogħol sar mill-ELC.

**59/06 Korrispondenza**

Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE fosthom:

59/06/01 Informazzjoni dwar *Payroll Software* ġiet innotata. Is-SE għandha titlob appuntament mal-kumpanija sabiex tikseb iżjed informazzjoni.

59/06/02 Korrespondenza mid-Dipartiment tal-Agrikultura dwar *Updated Records of Spraying of Palm Trees - January to June 2014*. Is-SE diġa kienet kitbet lid-Direttur tal-ELC sabiex jibgħat il-dokumentazzjoni meħtieġa u jikkopja lill-Kunsill.

59/06/03 *Case No 564/14 - Creditor's Balances - 30/06/14*. Is-SE kienet talbet lill-*Accountant* biex jibgħat dawn il-bilanċi. Hija għandha terġa tibgħat *reminder*.

59/06/04 *Road maintenance Services Ltd - Inv. No. 985*. Dan il-kont intbgħat lill-Perit Grech sabiex jiġi ċċertifikat il-kont u imbagħad is-SE timla l-formoli meħtieġa u tibgħat kollox lill-*Paying Agency*.

59/06/05 *Case 296/14 - Tender re Collection of Mixed Waste*. Id-DGL ta l-approvazzjoni tiegħu li l-kuntratt tal-iskart ta' qabel jista' jiġi estiż 3 xhur oħra sakemm jgħaddi ż-żmien fejn l-appellant tat-*tender* il-ġdid ikun jista' jiftaħ każ mal-Qorti tal-Appell. F'każ li l-Kunsill ma jilħaqx jiġġudika t-*tender* il-ġdid fi żmien xahrejn, il-Kunsill irid jinforma lid-DGL b'dan.

59/06/06 *Important notification from Valletta 2018 University of Malta Secretariat*. Din ġiet innotata mill-Kunsill. Is-SE għandha tgħaddi din il-korrespondenza lill-Kunsillier Galea u tinfurmahom li se jattendi.

59/06/07 Il-Kuntrattur tad-dawl bgħatt ir-*Reference numbers* tal-Enemalta. Dawn ġew mgħoddija lill-Kunsillier Fenech sabiex ikun jista' jsegwi.

59/06/08 *Carmen Vella at MFIN Appeal on Tender for Mixed Household Waste T-06/14-24.* Is-SE intalbet tgħaddi din il-korrespondenza lill-avukat tal-Kunsill.

59/06/09 Korrespondenza re Kumpanija *Gumsquad* ġiet innotata.

59/06/10 Korrespondenza mit-TM dwar Triq Dun Karm Vella fejn it-TM kien talab biex din it-Triq issir One way. Il-Kunsill approva li mit-Triq 31 ta' Marzu lejn Triq il-Gnien tiġi

*one way* inti u nizel minn Triq Dun Karm Vella. Is-SE għandha ssegwi.

59/06/11 Żjara ta' Kortesija Kunsill Lokali Għargħur. Il-Kunsill innota din il-korrespondenza.

59/06/12 Il-Kunsill innota din il-korrispondenza mit-TM dwar Triq is-Sebħ/ Triq St Katarina u Triq tal-Mekkek.

59/06/13 Il-Kunsill innota din il-kwotazzjoni għaċ-ċertifikati li nqassmu waqt l-attivita' ta' Unur Excelsior u ġiet approvata unanimament.

59/06/14 *LEAP! Project - Traineeship Beneficiary Scheme*. Din il-korrespondenza ġiet innotata imma l-Kunsill unanimament qabel li ma jipparteċipax f'dan il-proġett.

59/06/15 Kwotazzjoni mil La Ciliegia għall-attivita' Unur Excelsior 2014 ġiet innotata u approvata.

59/06/16 Formola ġiet innotata (Joseph Grech ).

59/06/17 Korrespondenza dwar *Objection filed by you in respect of tender T 06/14/24 Tender for the Collection of Mixed Household Waste, Gharghur Local Council* ġiet innota mill-Kunsill.

59/06/18 Applikazzjonijiet ġodda mill-MEPA ġew innotati mill-Kunsill.

59/06/19 *Funding at MEUSAC MEUSAC-Eu Funding Opportunities for Local Councils*. Il-Kunsill innota din il-korrespondenza.

59/06/20 *Europe for Citizens 2014-2020* - Sessjoni ta' informazzjoni - il-Ġimgħa, 18 ta' Lulju 2014. Din il-korrespondenza ġiet innotata.

59/06/21 Ittra mingħand Dun Chris Galea dwar dwal għall-Koppola tal-Knisja. Il-Kunsill unanimament qabel li jixtri 5 *floodlights* li jiswew madwar 93 ewro il-wieħed.

59/06/22 Korrispondenza dwar Tanti - Unur Excelsior 2014 ġiet innotata.

59/06/23 Memo 21/2014 mid-Direttur tad-GL dwar Dokumenti preżentati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ġiet innotata.

59/06/24 Is-SE kitbet lill-Perit Grech dwar revision of *Bill 4 and certification of Final Bills For ELC And B Grima and Sons* peress li l-estenzjoni tal-*Measure 313* kienet se tagħlaq fl-aħħar ta' Lulju 2014.

59/06/25 Korrispondenza mill-Majjistral Group dwar *additional FARMER access roads to resurface*. Is-SE bgħatet il-korrespondenza kollha sabiex isiru xi sqaqien oħra jew jitkompla Sqaq il-Maħruqbfil-fondi tal-EU.

59/06/26 Korrispondenza mill-LCA dwar *Access Icon* ġdida ġiet innotata.

59/06/27 Korrispondenza mit-Transport Malta dwar *One way system* ġiet innotata.

59/06/28 Korrispondenza mill-Water Services Corporation dwar *List of Jobs in Gharghur during February and March 2014* ġiet innotata. Is-SE se tieħu ħsieb din il-materja.

59/06/29 Korrispondenza mir-Reġjun Ċentrali dwar *Payment Voucher for 10% Administration Fee (contraventions) for the year 2013* ġiet innotata.

**59/07 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

59/07/01 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar l-*aerobics* peress li qal li hemm Kunsilli oħrajn li jitolbu flus biex ikopru l-ispejjez tas-sala. Is-SE intalbet tagħmel appuntament mad-Dipartiment tal-Promozzjoni f'dan ir-rigward.

59/07/02 Is-Sindku tkellem fuq il-fuljett peress li kien kwazi lest u talab lis-SE tgħaddi kopja tal-fuljett lil kull Kunsillier ħalli jagħtu l-aħħar rimarki/korrezzjonijiet qabel ma l-fuljett jiġi stampat.

59/07/03 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa kien mistieden minn resident li rebaħ premju f'Sqallija sabiex jippreżentalu ċertifikat hemmhekk stess. Huwa tela' Sqallija fejn attenda c-*Ceremonia Ufficjali ta' Pergamene Pirandello 2014*. Kif kien hemm is-Sindku għamel kuntatt mas-Sindku Dott Inj Vito Fornaro tal-Comune di Chiaramonte Gulfi fejn dan aċċetta li jagħmlu ġemellagg mal-Kunsill ta' Ħal Għargħur. Is-SE intalbet tikteb lill-DGL għal gwida u anka lill-LCA.

59/07/04 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jingħata ritratt lill-kull participant tal-attivita' Unur Excelsior u lill-Kunsillieri. Il-Kunsill approva dan unanimament.

**59/08 Aġġornament**

59/08/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-20.39 pm wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar it-Tlieta 12 t'Awissu 2014 fis-6.00 ta' wara nofsinhar.

| | | |
|---|---|---|
| Mario Gauci | Louise-Anne Gusman | 12 t'Awissu 2014 |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv | Data |